# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. numru 1265/89 AJM**

**Alfred Zammit ghan-nom tal-minuri ibnu Edward Zammit Lewis u b'nota tat-13 ta' Mejju 97 Edward Zammit Lewis assuma l-atti f'ismu stante li sar maggorenni.**

**vs**

**Charles Xuereb bhala ufficjal inkarigat mill-Media Education Centre u Raymond Briffa bhala producer tal-programm televisiv 'Pajjizi'.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ghan-nom ta' ibnu minuri Edward Zammit Lewis ipproceda kontra l-konvenuti bis-segwenti att ta' citazzjoni :-

"L-attur wara li ppremetta illi ibnu Edward Zammit Lewis ha sehem fil-programm televisiv "Pajjizi" li l-konvenuti kienu jaghmlu flimkien; li l-istess konvenuti ghamlu irregolarita' fl-istess programm u minhabba negligenza kkawzaw danni lill-iben l-attur; illi l-istess negligenza hija ammessa mill-konvenut Charles Xuereb f'ittra li baghat huwa stess lis-sur E. Camilleri li ggib id-data tas-27 ta' Gunju 1989; illi n-nuqqas tal-konvenuti kkagunaw danni lill-iben l-attur; illi l-konvenuti baqghu inadempjenti wara li gew interpellati permezz ta' ittri interpellatorja tas-26 ta' Lulju 1989 u ittri ufficjali tad-29 t'Awissu 1989 u tas-16 ta' Ottubru 1989; talab li din il-Qorti :-

1. Tiddikjara li l-istess konvenuti kkagunaw danni lil iben l-attur cioe' lil Edward Zammit Lewis;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti minn iben l-attur fuq imsemmi; u

3. Tordna lill-konvenuti jhallsu l-istess danni lill-attur f'isem ibnu fuq imsemmi."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti hekk eccipew ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi huma m'humiex il-legittimi kontradittturi ghat-talbiet attrici stante illi l-"quiz" in kwistjoni gie organizzat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni (liema Dipartiment huwa biss rapprezentat mill-kap tieghu), u m'hux minnhom personalment, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna u dana "ratione valoris" peress illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici ma jeccedux il-mitejn u hamsin lira.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-illegittimita' tal-persuna ta' l-attur nomine stante illi l-istess ibnu, li f'ismu qed jagixxi, ma ppartecipax u ma setax jippartecipa fil-"quiz" in kwistjoni f'ismu proprju izda kien biss parti mit-'team" li fil-"quiz" de quo irraprezenta lill-Kullegg San Alwigi.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-karenza tal-interess guridiku da parti ta' l-attur nomine milli jesperixxi l-azzjoni odjerna stante kemm li huea ma ippartecipax "de proprio" kif ukoll minhaba li l-istess "quiz" ma kienx qieghed jintlaghab ghall-flus izda biss bi skop prettament edukatti u l-premjijiet inghataw volontarjament u mhux a bazi ta' xi obbligazzjoni.

5. L-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna stante li r-regolamenti tal-"quiz" in kwistjoni, li kienu gew accettati mill-iskejjel partecipanti kollha, kienu jirrikjedu li kwalunkwe lanjanzi jingiebu ghall-attenzjoni tad-direttur tal-"quiz" fil-gurnata li fiha ssir "ir-recording" u l-attur ma ghamel ebda tali ilment u ghalhekk ma hemm ebda bazi guridika ghall-azzjoni odjerna.

6. Li t-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt u l-attur nomine ma sofra ebda danni kif minnu allegat.

7. Illi in vista tal-premess huma m'ghandhomx ibatu spejjez."

**DECIDE**

B'sentenza tat-28 ta' Frar 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-konvenuti kkagunaw danni lill-iben l-attur bin-negligenza taghhom, illikwidat id-danni sofferti fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin u konsegwentement ikkundannat lil kull wiehed mill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin in sodisfazzjon tal-istess danni. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Qed jigi allegat da parti tal-attur li ibnu Edward Zammit Lewis sofra danni bhala konsegwenza ta' negligenza da parti tal-konvenuti waqt programm ossia "quiz" televisiv imsejjah "Pajjizi" mhejji mill-Media Education Centre ghan-nom tad-dipartiment tal-Edukazzjoni u mmexxi mill-konvenuti.

L-istess Edward Zammit Lewis ippartecipa fl-imsemmi quiz televisiv bhala parti minn "team" mibghut mill-kullegg ta' San Alwigi u flimkien ma' siehbu wasal ghas-"semi final". F'dan li stadju l-grupp li minnu kien jifforma parti iben l-attur, gie eliminat, billi, kif qed jigi allegat, "t-team ma nghatax hin bizzejjed ghal certa domanda" u b'konsegwenza ta' dana t-team ma ghaddiex ghal finali u ghalhekk tilef l-opportunita' li jirbah il-premju finali offert lill-partecipanti, konsistenti fi Vjagg ghal Italia ghat-team kollu – kollox kompriz.

Il-konvenuta resqu diversi eccezzjonijiet preliminari li jolqtu l-azzjoni fiha nfisha u ghalhekk huwa xieraq li qabel ma jigi trattat il-mertu jigu ezaminati dawn l-eccezzjonijiet wahda wahda.

a) <u>Li l-konvenuti mhux il-legittimi kontraditturi</u>

Mhux kontestat li l-"quiz" in kwistjoni kien organizzat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni tramite l-Media Education Centre li jifforma parti integrali ta' l-istess dipartiment. Il-konvenuti ghalhekk qed jissottomettu li huma, bhala mpjegati ta' l-istess dipartiment, kienu qeghdin semplicement jaqdu dmirhom lejn id-dipartiment u kwindi ma humiex il-legittimi kontraditturi billi l-azzjoni trid tigi indirizzata lejn id-Direttur tal-Edukazzjoni li kien responsabbli ghal organizazzjoni u tmexxija tal-istess programm. In sostenn tat-tezi taghhom il-konvenuti ghamlu referenza ghal dak li jinghad fl-artikoli 786 u 180 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

F'dan ir-rigward l-attur qed jissottometti li la darba kienu l-konvenut responsabbli ghat-tmexxija tal-programm u d-danni sofferti mill-attur kienu rizultat ta' xi nuqqas taghhom, huma l-istess konvenuti li ghandhom jirrispondu ghad-danni sofferti u mhux il-kap ta' dipartiment li "la kellu x'jaqsam xejn mal-quiz televisiv u lanqa seta' jkollu ebda kontroll fuqu." Ghal dak li gie sottomess fir-rigward ta' l-artikoli fuq imsemmija tal-Kap. 12, l-attur irribadixxa li dawn ma ghandom x'jaqsmu xejn mal-kaz in ezami.

Ikkunsidrat dwar l-artikolu 786 tal-Kap. 12 li dan huwa intiz biex jelimina l-hekk imsejha eccezzjoni ta' l-illegittimita' tal-persuna f'kazi li proceduri jigu istitwiti minn jew kontra persuni hemm imsemmija jew dawk l-imsemmija fl-artikolu 180 tal-istess Kap 12. Il-konvenuti qeghdin jipprovaw jigbdu argument kuntrarju ghal dak li kien intiz fl-istess artikoli. Dan l-artikolu huwa intiz sabiex jaghti l-poter lill-persuni hemm indikati li jagixxu quddiem il-Qrati minghajr ma tigi attakkata l-awtorita' taghhom biex jistitwixxu l-istess proceduru u mhux, kif qeghdin jipprovaw jghidu l-konvenuti, li kull azzjoni li tirrigwarda impjegat ta' dipartiment governattiv ghandha tigi istitwita kontra l-kap ta' l-istess dipartiment. L-azzjoni odierna hija indirizzata lejn il-konvenuti fil-kapacita' taghhom personali minhabba allegati nuqqasijiet tal-istess konvenuti u mhux in rapprezentanza ta' xi ente guridiku jew dipartiment governativ.

Illi fil-fehma tal-Qorti in kwisjoni trid tigi regolata bl-artikolu 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid espressament li "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghal hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk." La darba l-allegazzjoni tal-attur hija fil-konfront tal-konvenuti personalment u mhux fil-konfront tad-dipartiment, huma l-istess konvenuti li jridu jirrispondu.

Il-kap ta' Dipartiment bhal kull 'employer' iehor jista, f'dik il-kapacita', jigi azzjonat ghad-danni kemm-il darba jkun qabbad persuni mhux ta' hila jew illi huwa ma jkollux raguni jahseb li huma ta' hila, (Art. 1037). Izda hawn mhux qed jigi allegat li l-konvenuti ma kienux kapaci fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, anzi ghal kuntrarju, l-konvenuti tqeghdu fil-kariga taghhom proprju minhabba l-kapacita' taghhom. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

b) <u>Inkompetenza 'ratione valoris'</u>

Il-konvenuti ghamlu referenza ghax-xhieda ta' Paul Galea tad-29 ta' April 1991 minn fejn jirrizulta li l-ammont eventwalment sborsat mill-Youth Services Organization sabiex student li jkun rebah l-quiz jmur fi Italia, kien ta' Lm70. Ghalhekk skond l-istess konvenuti l-obbligu taghhom jista' jkun limitat biss ghal din is-somma li ma tentrax fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Sabiex tigi radikata l-kompetenza ta' din il-Qorti wiehed ma jistax ihares biss lejn l-obbligu finanzjarju ta' l-obbligat fil-mument ta' l-obbligazzjoni. Il-Qorti trid tara x'effettivament titlef id-danneggjat.

Ic-citazzjoni odierna ma tispecifika ebda ammont ta' danni u l-attur talab biss li dawn ghandhom jigu likwidati minn din il-Qorti. Ir-raguni ghal dan huwa ovvju. Fil-mument li giet ipprezentata c-citazzjoni l-attur ma setax ikun jaf kemm jistghu jammontaw dawn id-danni. Zgur li dawn kellhom jigu komputati fuq spejjes mehtiega biex issiefer lejn Italia, u tabita hemm ghal perjodu kollu mehtieg. L-ammont ghalhekk hu incert u jibqa' incert sakemm jigi likwidat minn din l-istess Qorti.

L-artikolu747 tal-Kap 12 jippreskrivi li "Valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata". L-istess artikolu jghid li ghandhom jitqies dejjem bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat "il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba tal-attur", u lanqas ma jista' jigi determinat skond ma jistabbilixxu l-artikoli sussegwenti. Issa d-danni li jistghu jigu likwidati favur l-attur la jirrizultaw mit-talba, la mil-valur tat-titolu li jaghti kawza ghal azzjoni, la minn xi kitba bejn il-partijiet u lanqas b'xi mod iehor hlief wara li jigu mahtura esperti in materja sabiex jivvalutaw ezattament dak li tilef iben l-attur.

Illi zgur li kieku t-team li minnu kien jifforma parti iben l-attur rebah il-quiz, dan kien ser jinghata biljett ta' l-ajru, b'xejn ghal Turin. Izda matul il-permanenza tieghu f'dak il-pajjiz hu kien ikollu d-dritt li jabita u jiekol b'xejn. L-ispejjez ghal 'board and lodging', partikolarment f'pajjiz bhal Italia, jistghu jkunu ingenti u ta' valur indeterminat. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

c) <u>Illegittimita' tal-persuna tal-attur billi dan kien jirrapprezenta l-kullegg</u>

Mhux kontestat li iben l-attur kien ser jippartecipa fil-'quiz' fuq imsemmi bhala wiehed mill-istudenti tal-Kullegg San Alwigi. Infatti kien gie maghzul biex jifforma parti mit-team li l-istess kullegg kien ressaq biex jippartecipa. Huwa ovvju li l-isem tajjeb u l-prestigju tal-Kullegg involut kien "in the balace" u li kwindi kien fl-interess ta' l-istess kullegg li jaghzel l-aqwa studenti ghal iskop itenzjonat. B'dana kollu l-premju, jekk premju jista' jissejjah, ma kienx sejjer jigi percepit mil-kullegg izda mill-istudenti individwali li ppartecipaw anke jekk dan ghamluh ghan-nom tal-kullegg. Wara kollox kien l-istess student li studja u ghamel rickera fil-materja tal-quiz sabiex ikun f'posizzjoni li jirrispondi tajjeb u jekk hu possibbli, jerbah il-promessa ta' vjagg fl-esterju kienet incentiva ghall-istess studenti u mhux ghal iskola jew kullegg li dawn irrapprezentaw. Id-danni ghalhekk huma dovuti lill-attur. Ghal din ir-raguni din l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

d) <u>Karenza ta' interess</u>

Din l-eccezzjoni hija maqusma fuq zewg binarji, wahda li l-attur bhala membru ta' team mressaq minn kullegg ma kienx qed jippartecipa 'de proprio'. Din ghall-istess ragunijiet moghtija fil-paragrafu precedenti qed tigi wkoll michuda. L-eccezzjoni l-ohra hi fis-sens li l-iskop tal-quiz kien wiehed edukattiv u mhux ta' interess pekunjarju. Huwa minnu li l-intenzjoni ta' min ihejji dawn il-quizes hu li l-istudenti jaghmlu studju specjali u b'hekk jakkwistaw aktar konoxxenza tal-materja mertu tal-quiz. Izda bhala incentiv ghall-istudenti li jippartecipaw gie imwieghed vjagg. Din il-weghda tissarraf fi flus u ghalhekk ma jistax jinghad li ma kienx hemm l-element ta' interess pekunjarju jew ta' kumpens ghal dawk li studenti li juru l-aktar interess u konoxxenza tas-suggett diskuss fil-quiz. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi wkoll michuda.

e) <u>Intempestivita' tal-azzjoni</u>

Il-bazi tal-ilment tal-attur u konsegwentement ir-raguni tal-azzjoni odjierna tidher fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-attur. Hemm jinghad testwalment hekk :-

> "Iben l-attur ge zvantaggat f'dan il-programm peress illi b'negligenza jew nuqqas ta' hsieb, ma nghatax cans li wiegeb ghal ammont ta' mistoqsijiet skond il-hin li kien allokat ghalih peress li l-konvenuti m'allokawlux il-hin li kellu kif ammess minnhom f'itra lis-Sur E. Camilleri tas-27 ta' Gunju 1989."

Il-parti rilevanti tal-ittra li ghaliha ghamel referenza l-attur tghid hekk :-

> Jidhirli li ghas-sens ta' rgulija u oggettivita' ghandi npoggi 'on record' li fir-rigward tal-hin jidher …… li l-hin allokat mindu l-Quizmaster beda l-ewwel mistoqsija kien ta' 23'49" ……. Il-hin mizmum ghall-'question time' kollu kien ta' 25'07". Minn tfitix li ghamilt mal-producer jirrizulta li minhabba xi 'hitch' tekniku l-arlogg telaq mill-bidu tal-parti tal-quiz u mhux, kif jidher li kien miftiehem maghhom, malli l-Quizmaster jghaddi ghad-domanda. Meta gharbilt xi progammi li ghaddew, dan il-kaz, minhabba 'hitches' teknici, mhux izolat. Ta' dan jisghobbih hafna l-producer kif ukoll jien f'isem ic-Centru."

Il-konvenuti eccepew li l-azzjoni hija intempestiva inkwantu r-regolamenti tal-quiz inkwistjoni li kienu gew accettati mill-iskejjel partcipanti kollha kienu jirrikjedu li kwalunkwe lanjanzi jingiebu

ghall-attenzjoni tad-direttur tal-quiz fil-gurnata li fiha ssir ir-"recording" u l-attur ma ghamel ebda tali ilment u ghalhekk ma hekk ebda bazi guridika ghall-azzjoni odierna.

Qabel ma bdew jinzammu l-programmi ta' 'quiz" il-Media Education Centre, li kienet l-ente responsabbli ghat-thejjija taghhom, harget regolamenti li kellhom jirregolaw il-proceduri matul il-quiz. Fost affarijiet ohra fl-istess 'Regolamenti u Gwida (fol. 94) jinghad li :-

a) ir-recording jsir gimgha qabel ma jigi mxandar,

b) li l-mistoqsijiet isiru ghal matul 25 minuta mill-ewwel mistoqsija,

c) li kull diffikulta' ghandha tigi mghoddija lis-Sur Ray Briffa, producer tal-quiz. Kull diffikulta' tal-loghba ghandha ssir dakinhar tar-recording u d-decizjoni tad-direzzjoni tkun finali.

Issa jirrizulta li dakinhar stess li sar ir-recording is-Sur Emanuel Camilleri, (Dok AZ1 fol 95) kiteb lil Ray Briffa u filwaqt li fahru tal-programm, irregistra l-ilment tieghu dwar il-fatt li s-Sur Abela Mizzi kien dam hafna jitkellem u jaghti informazzjoni li kienet irrilevanti, u kompla "kieku ma baqax jitkellem il-"gong" ma kienitx iddoqq dak il-hin u kellna c-cans li nwiegbu mistoqsija ohra u b'hekk konna nghaddu ahna."

Gara li din l-ittra, ghal xi raguni jew ohra, waslet ghand id-destinatarju xi jumejn wara. Il-konvenuti ghalhekk qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fuq dan in-nuqqas billi l-attur ma ottemprax ruhu ma dak li jipprovdu r-regolamenti.

Il-Qorti tosserva li r-regolament in kwistjoni jaghmel distinzjoni bejn diffikultajiet in generali li ghandhom jigu mghoddija lis-Sur Ray Briffa u dana minghajr ebda terminu. U diffikultajiet 'tal-loghba' li ghandhom isiru dakinhar tar-recording. B'diffikultajiet tal-loghba l-Qorti tifhem dawk il-problemi li jistghu jiltaqghu maghhom u li wiehed jista' jinduna bihom u b'hekk jagixxi tempestivament waqt li qed isiru d-domandi u jinghatghu r-risposti. Bhal, per ezempju, jekk risposta tigi dikjarata invalida jew skorretta, huwa logiku li tali lment ghandu u jista' jsir immedjatament u li d-decizjoni tad-direzzjoni ghandha tkun finali. Kuntrarjament jista' jinholoq chaos b'dannu ghal produzzjoni fiha nfisha.

Izda ilment bhal dak sottoezami jirrikjedi hsieb u ezami tal-programm bil-playback mill-istess dirigenti sabiex jigi stabbilit jekk huwiex gustifikat. L-attur jew sahansitra r-rapprezentant tal-

iskola is-Sur E. Camilleri, li kien prezenti fl-istudio, ma kienx mistenni li jkun jaf b'technical hitches li seta' kien hemm. Dan kien jispetta lill-konvenuti li jindunaw bihom u jevitawhom. Wara kollox minn kliem l-istess Charles Xuereb, irrizulta li dawn il-'hitches' kienu graw qabel. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-attur fil-kuntest tar-regolamenti. Wara kollox, anke jekk l-ittra ta' Emmanuel Camilleri waslet xi granet tard, xorta wahda kien hemm zmien bizzejjed qabel ma kellu jixxandar il-programm sabiex kullz ball jigi rimedjat.

Ikkunsidrat :-

Fil-mertu l-attur qed jitlob li jigi risarcit danni sofferti minhabba li l-konvenuti bhala l-persuni responsabbli ghal programm "Pajjizi" ikkommettew irregolarita' bhala rizultat ta' negligenza. L-allegazzjoni tal-attur li ibnu ma nghatax il-hin kollu li kien dovut biex ikun jista' jirrispondi l-mistoqsija lilu maghmula, tirrizulta pruvat, jekk xejn bl-ammissjoni tal-istess konvenut Xuereb fl-ittra tieghu tas-27 ta' Gunju 1989 fejn jidher li kien qed jitkellem ukoll ghan-nom tal-producer il-konvenut Briffa. Ghalhekk jidher pruvat li, bhala fatt, iben l-attur ma kellux a disposizzjoni tieghu dak il-hin kollu li, skond ir-regolamenti kien intitolat. Konsegwentement iben l-attur gie privat mill-possibbilita' li, flimkien ma' siehbu, jirrispondi mistoqsija ohra korrettement u b'hekk gie negat ic-"chance" li jghaddi ghar-round finali tal-kompetizzjoni fejn seta' jikkompeti ghal premju offert.

Il-kwistjoni li ghandha tigi ezaminat hawn mhux tant jekk naqsux jew le l-konvenuti, billi dan kif gja' rajna jidher ammess, izda jekk tali nuqqas wassalx ghal telf patrimonjali li jintitola lill-attur nomine jintavola kawza ghad-danni.

Danni, fil-kuntest tal-'actio pauliana' jridu jkunu (a) reali, (b) prevedibbli u (c) mhux remoti. Jekk il-pretensjoni attrici ma tinkwadrax f'dawn it-tlett presupposti, ma jistawx jigu likwidati danni fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement l-azzjoni ma tistax tirnexxi ghalkemm jigi pruvat li l-konvenut ikun naqas minn xi obbligu lejn l-attur. F'dan ir-rigward il-Privy Council esprima ruhha hekk :-

> "It is, no doubt, proper when considering tortious liability for negligence to analyse its elements and to say that the plaintiff must prove a duty owed to him by the defendant, a breach of that duty by the defendant, and consequent damage. But there can be no liability without damage. It is not the act but the consequences on which tortious liability is founded. The test of liability for the consequences of a

> negligent act is the forseeability of the damage which in fact happened". (Overseas Tankship (U.K.) Ltd vs Morts Dock and Engineering Co. Ltd – ukoll maghrufa bhala The Wagon Mound case – 1961).

Fil-kuntest lokali, d-danni jridu jkunu reali u jirrispekkjaw ezattament dak li l-attur ikun tilef jew mistenni li jitlef fil-futur. Dan hu preskritt mill-artikolu 1045 tal-Kodici Civili, li jelenka dawk il-fatti u c-cirkostanzi kollha li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tar-risarciment. Fil-qosor id-danni jridu jirrispekkjaw it-telf effettiv.

Issa fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li telf pekunjarju jezisti. Il-premju ghal partecipanti li jikkonkludi b'success il-quiz u jerbhu l-finali, kien jikkonsisti fi vjagg fl-Italia, li kien ikopri li spejjez kollha ta' tragit u permanenza. L-eventwalita' ta' ezitu favorevoli ghall-attur, kienet tiddependi minn diversi fatturi izda ma jistax jigi esklu li bil-partecipazzjoni tieghu fil-finali, kienet hemm il-potenzjalita' "possible but not actual" li jakkwista l-premju offert. Dan, fil-fehma tal-Qorti, kien telf patrimonjali li jrrendi n-nuqqas tal-konvenuti azzjonabbli.

Minn dan isegwi wkoll li t-telf kien prevedibbli. Ir-regolamenti mahruga mill-Media Education Centre jispecifikaw li "Qed jinghataw rigali ta' tifkira lill-partecipanti kollha u <u>jkun hemm rigal isbal ghar-rebbieh</u>." (Sottolinear tal-Qorti). Eventwalment, kif jirrizulta mix-xhieda prodotta, rrizulta li r-rebbieha kienu ser jircievu vjagg b'xejn ghal Italia – kollox inkluz. Meta ghalhekk, il-konvenuti gew infurmati bin-nuqqas taghhom – setghu facilment jifhmu li bl-agir taghhom kienu ser jitilfu l-possibbilita' lill-attur li jigwadanjaw il-premju offert.

Lanqas ma jista' jinghad li d-danni kienu remoti. It-telf reklamat kien rizultat dirett tan-nuqqas tal-konvenuti u intimament konness ma' negligenza taghhom. L-awtur Ingliz Bingham fil-pubblikazzjoni "Motor Claims Cases" (5th Ed. p. 324) fuq dan l-aspett jghid li t-test li jrid jigi applikat jista' jigi espress hekk :-

"Is the consequence fairly to be regarded as within the risk created by the negligence?" Jew fi kliem iehor "Is the consequence within the risk?" U, jkompli l-istess awtur : "and to answer it (the question) by applying ordinary plain common sense."

Dan stabbilit il-Qorti issa ser tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni dovuti lill-atturi nomine. Kif gja' intqal fuq il-premju ossia rigal spettanti lir-rebbieh tal-quiz kien vjagg ghal Italia. Gie stabbilit li l-Y.S.O. kienet, f'dan il-kaz, tizborsa s-somma ta' Lm70 ghal biljett

tal-ajru ghal kull student li kien jifforma parti mit-team rebbieh. Oltre dan li student ikun intitolat ghal 'board and lodging' b'xejn fil-pajjiz esteru kif ukoll ghal 'excursions'. Ix-xhud Paul Galea, Education Officer fil-Youth Services Organisation xehed li "illi min rebah il-premju kien mar Torin. L-istudenti damu Toriin tnax-il gurnata. A rigward 'lodging' u ikel, l-istudenti kellhom kollox imhallas, ……… "excursions kienu jsiru wkoll …… l-istudenti ma jhallsux taghhom."

L-istess xhud enfasizza li l-Y.S.O. thallas biss il-vjagg cioe' Lm70 u ma thallas xejn aktar. B'dana kollu ma jfissirx li t-telf effettiv ghall-attur kien fl-ammont rapprezentanti l-vjagg bl-ajru. Kien jinkludi wkoll kull spiza ohra ghas-soggorn f'dak il-pajjiz, bhal ma huma spejjez ta' trasport, ta' ikel, ta' irqad, kif ukoll spejjez konnessi mal-"excursions". Ghalhekk it-telf effettiv kien ferm akbar minn dak li qeghdin jipprovaw isostnu l-konveuti. Jekk kellu jmur illum ghal vjagg simili, l-attur kellu jkollu jhallas ammont ferm ghola minn dak sborsat mill-Y.S.O. billi jkun irid ihallas ghal 'Board and Lodging' trasport u "excursions".
Biex tghix ghal tnax-il gurnata f'belt bhal Torin irid ikollok il-flus. B'dana kollu l-Qorti ma tistax tasal ghall-ammont ezatt mehtieg sabiex persuna tgawdi mill-istess beneficcji akkordati lill-istudenti li eventwalment marru ghall-vjagg u dana billi ma rrizultax x'servizzi gew moghtija lil dawn l-istudenti. Ghalhekk arbitrio boni viri qed tillikwida l-ammont tal-kumpens dovut lill-attur nomine fis-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Dan l-ammont ghandu jithallas mill-konvenuti, nofs kull wiehed."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti Charles Xuereb u Raymond Briffa fil-kwalita' taghhom kif citati. Fir-rikors tal-appell huma jsostnu l-linji generali tan-noti tal-eccezzjonijiet taghhom u l-Qorti sejra ssegwi il-linja difenzjonali li huma opponew ghat-talbiet attrici li, kif soltu, f'kawza ta' din ix-xorta tinfirex fuq zewg binarji, il-kontestazzjoni dwar ir-respnsabbilita' tal-konvenuti ghad-danni reklamati u l-likwidazzjoni tal-quantum tal-istess danni. M'hemmx ghalfejn jinghad illi l-Qorti ghandha

l-ewwel tinvesti l-kwistjoni tar-responsabbilita' anke ghaliex jekk l-eccezzjonijiet tal-appellanti f'dan ir-rigward jirrizultaw gustifikati, ma jkunx hemm lok illi l-Qorti tinoltra ruhha fl-argumentazzjoni kollha fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni kif likwidata mill-ewwel Qorti u l-quantum minnha stabbilit.

L-ewwel eccezzjoni li taw il-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti kienet illi huma mhumiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici stante illi l-quiz in kwistjoni kien gie organizzat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, liema Dipartiment kien rapprezentat biss mill-kap tieghu. Ma kienx quiz organizzat minnhom personalment u ghalhekk kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Din l-eccezzjoni tikkostitwixxi l-ewwel aggravju li fih jirribadixxu illi l-Media Centre ma kienx anti-guridiku indipendenti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u ghalhekk Charles Xuereb ma setax jigi mharrek in rapprezentanza ta' dan ic-Centru, liema rapprezentanza kienet vestita allura fid-Direttur tal-Edukazzjoni. Jirrizulta provat illi l-appellant Charles Xuereb ma kienx agixxa personalment la fit-tmexxija tal-quiz u wisq anqas fil-kontroll effettiv taghha, liema kontroll kien f'idejn il-producer tal-programm, l-appellant l-iehor Raymond Briffa u d-direttur tieghu, certu Albert Spiteri li ma kienx citat bhala konvenut. L-ewwel Qorti accettat bhala provat u mhux kontestat illi l-quiz kien organizzat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni tramite l-Media Education Centre li kien jifforma parti integrali tal-istess Dipartiment. Il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi l-azzjoni kienet ibbazata fuq il-

principju illi kulhadd kellu jwiegeb ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba li ghamel jew jonqos li jaghmel xi haga jew li jikser xi dmir impost fuqu mil-ligi, kemm jekk hekk jaghmel bi hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni jew ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza u ta' prudenza jew ta' hsieb, hi indubbjament korretta kif hu wkoll korrett il-principju illi kull wiehed kellu jwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu u kien jitqies fi htija tieghu kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza u d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili). Dawn il-principji tad-dritt japplikaw anke fir-rigward ta' min ikun qed jagixxi fil-qadi tad-dmirijiet lilu fdati minn haddiehor fosthom minn min ihaddmu.

L-attur nomine mhuwiex qieghed jaddebita xi responsabbilita' lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni talli inkariga xi persuni biex jikkonducu l-quiz li ma kienux kompetenti fix-xoghol taghhom. L-azzjoni allura mhix impernjata fuq il-colpa in eligendo imma fuq in-negligenza, traskuragni, jew nuqqas ta' hila <u>personali</u> tal-persuni nkarigati fil-kondotta tal-quiz. Din il-Qorti ma hix qeghda b'daqsekk tghid li ma jistghux ikun hemm cirkostanzi fejn min ihaddem ikun ukoll responsabbli versu d-danneggjat ghad-danni sofferti pero' zgur illi min ikun direttament bl-agir tieghu allegatament ikkaguna l-hsara kellu jirrispondi ghaliha u s'hawn ma setax jinghad allura illi ma jkunx "accountable" ghall-agir tieghu u, bhala tali, legittimu kontradittur fl-azzjoni proposta mill-persuna danneggjata. F'dan il-kaz pero' l-istess kif id-Dipartiment li

holoq il-quiz fl-ewwel lok jista' jittanta jezimi ruhu mir-responsabbilita' ghad-danni allegati billi jipprova illi qabbad persuni kompetenti biex jikkonduci l-programm de quo, daqstant iehor jistghu l-persuni citati, kollha konvenuti, bl-istess argument jittantaw huma wkoll jispustaw ir-responsabbilita' ghal fuq haddiehor li kien effettivament responsabbli biex sehhet ic-cirkostanza li kkagjonat id-dannu.

Anke hawn japplika l-principju illi kellu jkun hemm il-prova tal-kawza u effett bejn l-azzjoni negligenti u traskurata u d-danni subiti. F'dan ir-rigward jidher illi l-konvenut Charles Xuereb filwaqt li jidher li kien responsabbli bhala idejatur tal-quiz u involut fit-tmexxija generali tal-programmi skedati, ma kienx pero' involut personalment fit-tmexxija tal-programm partikolari fejn sehh l-incident li ta lok ghall-vertenza. Jidher li l-programm kien attwalment f'idejn il-producer li kien il-konvenut l-iehor Briffa, d-direttur certu Spiteri illi ma jiffigurax bhala parti konvenuta u Charles Abela Mizzi l-prezentatur tal-istess programm. Kienu dawn it-tlett persuni – nies kwalifikati f'xogholhom li hadd ma pogga in dubbju l-kompetenza taghhom – illi b'xi mod jew iehor kellhom sehem attiv fit-tmexxija tal-programm taht ezami, li setghu b'xi grad jew iehor jinfluwenzaw l-andament tieghu u setghu jintervjenu b'mod jew iehor biex jikkontrollaw li dak li minnu jilmenta l-attur bhala l-fatt li kkawzalu d-dannu ma jsehhx. Kien biss mill-ghemil ta' dawn it-tlett ufficjali u minn xi att ta' ommissjoni jew kommissjoni taghhom li seta' jorigina d-dannu lamentat. Kien biss hawn li seta' jigi verifikat n-ness ta' kawza effett

bejn l-allegata negligenza u traskuragni u l-hsara subita. Il-fatti mbaghad illi l-konvenut Charles Xuereb bhala idejatur tal-programm u persuna responsabbli ghat-tmexxija generali tieghu indahal biex jikkorispondi mal-attur u mal-Kullegg ta' San Alwigi dwar dak li rrizultali wara li sehh l-incident u meta allura l-hsara kienet diga' saret, bl-ebda mod ma kienet tirrendi li l-istess Xuereb responsabbli ghall-akkadut. Dana ukoll fis-sens illi kieku kellu jigi accettat li l-konvenut Xuereb kellu xi responsabbilita', r-responsabbilita' tieghu kienet tkun dik l-istess u identika ghar-responsabbilita' tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li minnu kien jiddependi u li minnu bhala direttur tal-Media Education Centre kien gie fdat l-organizazzjoni generali tal-quiz edukattiv. Id-Dipartiment pero' ma giex citat in kawza.

L-aggravju tal-appellant Charles Xuereb qed jigi allura milqugh in kwantu l-eccezzjoni tieghu li ma kienx legittimu kontradittur fit-termini tal-azzjoni kif proposta tirrizulta sostnuta.

Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-konvenut l-iehor il-producer Raymond Briffa. Dan kellu responsabbilita' diretta fit-tmexxija tal-programm de quo. Responsabbilita' li kien jaqsam ma' persuni ohra wkoll attivament interessati fit-tmexxija tieghu li pero' ma jirrizultawx citati bhala konvenuti. It-tieni aggravju, issa tal-appellant Raymond Briffa, hu illi d-decizjoni li ttiehdet minn min kien qed imexxi l-programm kienet wahda finali u l-kontestazzjoni dwarha setghet biss issir fil-kors

tal-programm u skond kif previst mir-regolamenti tal-kompetizzjoni. B'riferenza specifika ghall-motivazzjoni tal-ewwel Qorti, l-appellant isostni illi kuntrarjament ghal dak li osservat dik il-Qorti, imkien ma kien jirrizulta "li r-regolament in kwistjoni jaghmel distinzjoni bejn diffikutaljiet in generali …….. minghajr ebda terminu u diffikoltajiet tal-loghba li ghandhom isiru dakinhar tar-recording". Imkien ma kien hemm prospettat li setghet issir oggezzjoni wara li l-quiz kien spicca, b'terminu indefinit u bil-beneficcju tal-playback, bil-konsegwenza li, sakemm ikun jidhrilhom il-partecipanti, quiz iehor ikun sospiz indefinittvament. Hu minnu li l-ewwel Qorti kienet tat piz lid-dikjarazzjoni tal-konvenut Xuereb fl-ittra tieghu tas-27 ta' Gunju 1989 fis-sens li kien hemm "hitch" tekniku pero' hi kellha wkoll taghti l-istess piz jekk mhux aktar lil dak li hu sostna fis-sens illi "difficli tirranga wara li tohrog mill-istudio".

Dan hu forsi l-qofol tal-aggravju u l-kwezit li kellu jigi definit bhala element essenzjali li jista' jaddebita responsabbilta' delitwuza lill-appellant Briffa. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellat, il-programm tal-quiz li fih ippartecipa iben l-attur kien organizzat mill-Media Education Centre u kellu jitmexxa skond "regolamenti u gwida" preparati mill-istess Centru u komunikati lill-iskejjel li qablu li jippartecipaw fil-programm. Regolamenti u gwida illi l-Qorti kellha tifhem li gew accettati mill-iskola li maghha ppartecipa iben l-attur u li ma kienux redatti b'mod legali u tekniku b'rabta li timponi drittijiet u obbligi imma aktar kellhom ix-xejra ta' regoli ta' loghba kif fil-fatt kellu fl-ahhar mill-ahhar jigi meqjus il-

programm edukattiv. Minn dawn ir-regoli, l-Qorti tislet is-segwenti li jidhru relevanti ghall-fatti in kawza :-

1. Il-quiz edukattiv kien imfassal ghall-partecipazzjoni tal-iskejjel fosthom il-Kullegg San Alwigi u ma kienx organizzat fuq bazi personali mal-istudenti li fih ippartecipaw.

2. It-taqsimiet u l-hin tal-programm tal-quiz kien jinkludu serje ta' mistoqsijiet fuq aspetti differenti tal-programm.

3. Kien determinat illi "l-mistoqsijiet isiru ghal matul hamsa u ghoxrin minuta mill-ewwel mistoqsija. Kull "bandu" jinghata ghandha tindaqq il-jingle". Ma kien hemm l-ebda accenn dwar li kellu jkun hemm numru ugwali ta' mistoqsijiet ghal kull team. Wiehed jistenna li hekk kellu jigri pero' ma kienx eskluz illi peress li n-numru ta' mistoqsijiet kien regolat mill-hin dedikat ghalihom u seta' jigri kif gara fil-kaz taht ezami illi l-hin ghal xi raguni jiddekorri qabel ma t-teamijiet ikollhom l-opportunita' li jirrispondu ghal numru ugwali ta' domandi. Dan kien aspett alejatorju tal-kompetizzjoni.

4. Kellhom jinghatu rigali ta' tifkira lill-partecipanti kollha u jkun hemm rigal isbah ghar-rebbieha. Anke hawn il-kelma partecipanti mhix definita pero' jidher illi r-rigali kellhom jinghataw lill-istudenti li jippartecipaw aktar milli l-iskejjel. Infatti dan hu li fil-fatt gara.

5. “Kull diffikolta’ ghandha tigi mghoddija lis-Sur Ray Briffa, producer tal-quiz. Kull diffikolta’ tal-loghba ghandha ssir dakinhar tar-recording u d-decizjoni tad-direzzjoni tkun finali”. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-interpretazzjoni li l-ewwel Qorti tat lil dan l-ahhar regolament ma kienitx wahda korretta. L-ewwel Qorti rriteniet illi dan ir-regolament kien jiddistingwi bejn diffikultajiet ingenerali li kellhom jigu mghoddija lill-konvenut Ray Briffa u dan minghajr ebda terminu u d-diffikultajiet “tal-loghba” li kellhom isiru dakinhar tar-recording. L-ewwel Qorti imbaghad minn din id-distinzjoni ghaddiet biex tiddefinixxi l-frazi “diffikultajiet tal-loghba” bhala dawk il-problemi li l-partecipanti setghu jiltaqghu maghhom u li wiehed seta’ jinduna bihom u b’hekk jagixxi tempestivament waqt li jsiru d-domandi u jinghataw risposti dak il-hin stess waqt il-programm.

L-ewwel Qorti rriavvizat pero’ ilmenti, li fosthom kwalifikat dan taht ezami, li kienu jirrikjedu hsieb u ezami tal-programm bil-playback mill-istess dirigenti sabiex jigi stabbilit jekk kienx gustifikat. Din il-Qorti hi tal-fehma illi din id-distinzjoni elaborata ma tohrogx mir-regolament taht ezami. Regolament li hu mahsub biss biex jaghti sahha arbitrali u finali lil min ikun qed jikkonduci l-loghba waqt il-programm u ma kien bl-ebda mod jipprospetta xi xorta ta’ appell mid-decizjoni ta’ dan lil xi awtorita’ superjuri. Appell li seta’ b’xi mod jinnewtralizza l-operat tal-arbitru u effettivament ibiddel ir-rizultat tal-loghba. Dan ir-regolament kellu

jinqara fis-semplicita' tieghu, kif redatt, in kwantu kien jikkostitwixxi r-rabta tal-partecipanti kollha li jissottomettu ruhhom b'mod definit u rrevokabbli ghad-"decizjoni tad-direzzjoni". Kjarament il-kelma "direzzjoni" tirreferi ghad-direzzjoni tal-programm mhux ghad-direzzjoni tal-Media Centre.

Hu car minn dan ir-regolament illi l-organizzaturi responsabbli tal-programm riedu jaccertaw ruhhom mhux biss mic-certezza tal-kondotta tieghu imma wkoll illi jevitaw il-possibbilita' illi tinholoq kontestazzjoni li setghet b'xi mod tippregudika l-prosegwiment tal-programmi sussegwenti u dana sal-finali tal-quiz. Hi regola elementari ta' kull kompetizzjoni li tiddependi mill-hila tal-partecipanti, assoggettata ghall-verifika u apprezzament da parti ta' terz li jiggudika dwar min mill-partecipanti jkun jisthoqqlu li jirbah, li jissottomettu ruhhom mhux biss ghad-decizjoni tieghu kif tirrizulta fil-mertu imma wkoll ghall-mod kif ir-regoli tal-loghba mil-lat procedurali u organizattiv jigu osservati u applikati. Mill-banda l-ohra wkoll, dak li r-regolament isejjah "direzzjoni", li kienet vestita bl-inkarigu li tikkonduci l-loghba, akkwistat l-awtorita' taghha wkoll mill-fatt li l-partecipanti kollha intrabtu li jissottomettu ruhhom b'mod finali u rrevokabbli ghad-decizjoni taghha minghajr ebda dritt ta' appell. Ma hemmx ghalfejn jinghad illi hi regola elementari u bazilari li kull partecipant kien obbligat u marbut li jsegwi r-regoli tal-loghba u li joqghod ghad-decizjoni tal-arbitru li jkun fdat

proprju mill-partecipanti kollha fil-loghba bil-mandat li jiddeciedi hu kull kwistjoni li setghet tinqala’ bejniethom u fil-kwalita’ tal-loghba.

Ir-regolament taht ezami jipprovdi semplicement illi kull problema li tinqala’ in konnessjoni mal-loghba - msejha “diffikulta” - kellha tigi mghoddija lill-konvenut Briffa bhala producer tal-quiz. Dan hu l-oghla ufficjal involut fit-tmexxija tal-programm u r-regolament jistipula illi kull diffikulta’ kellha tigi mghoddija mill-partecipanti lilu. It-tieni sentenza kienet timponi zmien sa meta “kull diffikulta’ tal-loghba (kellha) ssir”. Dana ovvjament biex il-materja tigi malajr definita u kull incertezza minnufih imnehhija. Setghu allura jigu propettati biss diffikultajiet mghoddija lill-konvenut Briffa li ma nghatax personalment il-fakolta’ li wahdu jiddeciedi dwarhom. Id-decizjoni kellha tkun “tad-direzzjoni” u kienet dik id-decizjoni illi kellha tkun finali. Mill-banda l-ohra r-regolamenti ma kienux jispecifikaw min kienet “id-direzzjoni”. Mill-assjem tal-provi jidher li kien hemm kunsens illi l-kelma “direzzjoni” kulhadd kien qed jifhem li kien ultimament l-organizatur tal-programm u cioe’ l-Media Education Centre tant li kien lilha li sar ir-reklam mill-Kullegg ta’ San Alwigi (mhux mill-appellant). Ta’ dak ic-Centru kienet id-decizjoni, kif kjarament jidher mill-korrispondenza kollha ezebita, u kien ghal dik id-decizjoni tac-centru illi l-istess Kullegg San Alwigi ssottometta ruhu anke jekk ma qabilx maghha. Dan kif kien dover tieghu bhala sportiv li jaghmel.

Jirrizulta ampjament mill-provi illi "d-direzzjoni" tal-programm tat opportunita' shiha li min qajjem l-ilment biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub u xort'ohra. Jirrizulta wkoll sodisfacentament illi d-"direzzjoni" ezaminat l-ilment funditus b'konsultazzjoni man-nies involuti fir-recording tal-programm inkwistjoni u d-decizjoni tidher motivata adegwatament b'mod li taghti sodisfazzjon lil min ghamel l-ilment. Sewwa jinghad ukoll illi din ma kienitx l-unika kontestazzjoni fir-rigward tat-tmexxija ta' dan il-quiz taht ezami. Saru ilmenti ohrajn mit-teams partecipanti, wkoll f'din il-puntata partikolari tal-quiz u dawn gew trattati u decizi fil-kors normali kif gew trattati incidenti ohra u kulhadd qaghad ghad-decizjoni ta' min kien responsabbli. Jidher allura li ma kien hemm assolutament l-ebda raguni ghaliex il-partecipanti f'dan il-quiz ma kellhomx ukoll jaccettaw id-decizjoni finali arbitrali ta' min kellu skond ir-regolamenti d-dritt li finalment jiddeciedi dwar kull reklam fir-rigward tal-kondotta tal-quiz.

Il-fatt illi gie stabbilit illi kien hemm zball tekniku li wassal ghas-sitwazzjoni fejn it-team ta' San Alwigi kellu l-isfortuna illi jirrispondi domanda anqas mit-team avversarju, kien essenzjalment dettat mill-element tal-hin li indubbjament f'sitwazzjonijiet bhal dawn ma seta' bl-ebda mod jigi sorvolat mill-organizzaturi ghax ma kienx jiddependi minnhom imma mill-esigenzi tal-programmar tal-istazzjon li kien qed ixandar il-programm. Infatti imbghad illi loghba tkun xi tkun iddum ftit aktar jew ftit anqas minn dak illi jkun stabbilit mir-regolamenti jew il-fatt

li jkun hemm kontestazzjoni dwar jekk kienx jew le inzamm bi precizjoni l-hin stabbilit anke jekk tali fatt, kif mhux eskluz li spiss jigri, seta' kien determinanti ghar-rizultat finali certament wahdu ma kienx iwassal ghal kancellament ta' rizultat jew ghal kancellament ta' dik il-loghba u lanqas kien jesponi lill-arbitru u wisq anqas lil min kien responsabbli ghall-organizazzjoni tal-loghba ghall-azzjoni ghar-rizarciment ta' xi danni konsegwenzjali. Dan naturalment sakemm ma jkunux jokkoru dawk l-elementi illi fil-ligi jkunu jaddebitaw tali responsabbilita' li jmorru lil hinn minn dawk ic-cirkostanzi illi kienu inerenti mal-loghba nfisha u li skond ir-regolamenti kellhom jigu finalment determinati minn dawk il-persuni jew awtoritajiet fdati biex jassiguraw il-korrettezza u l-gustizzja tat-tmexxija tal-inkontru.

Fil-kaz taht ezami ghalhekk, fil-kaz li jirrizulta li zball tekniku kommess minn dawk fdati fit-tmexxija tal-programm kif ammess bhala fatt li sehh mill-konvenut Xuereb nomine li jidhru li kellu skond ir-regolamenti l-ahhar kelma fir-rigward ta' kull ilment tal-partecipanti, dan l-izball tekniku anke jekk seta' kien evitabbli, ma setax ma jitqiesx bhala element alejatarju ta' programm ta' din ix-xorta. Una volta li jkun sehh bla mala fede, bla hsieb ta' qerq jew ingann u mhux b'leggerezza, ma seta' qatt iwassal ghall-konsegwenzi li qed jippretendi l-attur nomine. Fil-fehma ta' din il-Qorti kien l-obbligu tal-attur nomine illi, b'certa grazzja, jissottometti ruhu ghad-decizjoni arbitrali bi spirtu sportiv anke

jekk ma kienx jaqbel maghha. L-appell kien qieghed fuq dan il-punt jigi sostnut.

Ma kienx mehtieg allura li din il-Qorti tinoltra ruhha f'ezercizzju ta' ezami tad-diversi eccezzjonijiet sollevati mill-istess appellanti ghat-talbiet attrici. Kull konsiderazzjoni taghhom tkun superfluwa ghax mhux mehtiega biex jigi determinat il-mertu. Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz li kellu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez anke ghaliex kif inghad l-ilment tal-attur nomine fir-rigward tal-kondotta tal-programm de quo kien attwalment sa certu punt gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mg